# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa tal-Lokalita'**

**22 ta' Diċembru 2017**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.**

**Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din il-laqgħa ssejħet skont kif jistipula Artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti mar-residenti tal-Fontana l-estimi annwali (budget) għas-sena 2018. Għal din il-laqgħa setgħu jattendu r-residenti li isimhom jidher fuq ir-reġistru elettorali tal-Fontana. Is-Sindku qal li r-residenti kienu nfurmati dwar din il-laqgħa pubblika permezz ta' avviż li tqassam f'kull dar fil-lokalita' tagħna kif kien approva l-Kunsill f'laqgħa preċedenti.**

**Peress li ma attenda l-ebda resident u għaldaqstant ma kienx hemm diskussjoni, is-Sindku Saviour Borg ikkonkluda l-laqgħa fil-5.30pm.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Saviour Borg** | **Heidi Grech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |